**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Marzu, 2017**

Kawza Numru: 42/2016JB

Numru: 14

**Ryan Farrugia (K.I.: 7594G)**

***vs***

**Andre Apap (K.I.: 22789G)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-23 ta' Novembru 2016 fejn l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erbat elef, hames mija u hamsin euro (€4,550) rapprezentanti depozitu ghal xoghol ta' appalt li kellu jaghmel ghall-Attur. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra ufficcjali, u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2016 (a fol 10);

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti (a fol 21 *et seq*), il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deher ghas-smigh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, l-Attur irnexxielu jipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attrici s-somma ta' €4,550 bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali. Spejjez a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*